# It-Tempji ta' l-Imnajdra



It-Tempji Megalitiċi ta' l-Imnajdra jinsabu ftit 'l isfel mit-Tempji ta' Ħaġar Qim, fid-direzzjoni lejn il-baħar. Fir-ritratt jidher il-bieb prinċipali tat-Tempji ta' l-Imnajdra.

Il-fenomenu ta' l-**EQUINOXES** fl-Imnajdra: jekk tmur l-Imnajdra waqt tlugħ ix-xemx ta' xi wieħed miż-żewġ equinoxes li jkollna kull sena, jiġifieri meta l-jum u l-lejl ikunu ndaqs (dħul tar-rebbiegħa u dħul tal-ħarifa), issib ħafna nies. Dan għaliex dakinhar tista' tara x-xemx tiela' eżatt minn ġo l-entratura prinċipali tat-tempji. Dan il-fenomenu jiġbed bosta nies lejn it-tempji fl-equinoxes.



Dan l-artal wieħed għadu jista' jarah fl-Imnajdra. Fuq il-lemin jidher ħajt ta' l-Imnajdra; billi dan il-ħajt huwa mxaqleb 'il ġewwa, x'aktarx jurina li t-tempji kienu msaqqfin bħalma tinbena koppla ta' knisja llum.

It-Tempji ta' l-IMnajdra huma *World Heritage Sites*.

